ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
RIĊERKA, INNOVAZZJONI U TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2018**

**ID-DISA' SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*Option*) L-ISKEMA TAL-MARKI**

**Taqsima A**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. a | 2. c | 3. b | 4. c | 5. a |
| 6. b | 7. b | 8. c | 9. b | 10. a |

**marka x 10 = 10 marki**

**Taqsima B**

| **Mistoqsija** | **Marki** | **Tweġibiet**<br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1 | 2 | Kemm l-individwi kif ukoll is-soċjetà jibbenefikaw mid-dritt għall-edukazzjoni. L-edukazzjoni hija fundamentali għall-iżvilupp uman, soċjali u ekonomiku. Dan iwassal sabiex tinkiseb paċi dejjiema u żvilupp sostenibbli. L-edukazzjoni hija għodda b'saħħitha fl-iżvilupp tal-potenzjal sħiħ ta' kulħadd filwaqt li tiżgura d-dinjità tal-bniedem. |
| 2 | 1,1,1<br>(3) | L-istituzzjonijiet fil-pajjiż li jfornu servizzi ta' edukazzjoni huma:<br>• L-iskejjel tal-Istat<br>• L-iskejjel tal-Knisja<br>• L-iskejjel immexxija mill-privat. |
| 3 | 1,1,1<br>(3) | *L-istudenti għandhom isemmu tliet vantaġġi minn:*<br>• Kull tifel u tifla jingħataw l-istess opportunità li jitgħallmu bħat-tfal l-oħra.<br>• Tfal bi bżonnijiet speċjali jiżviluppaw soċjalment.<br>• L-istudenti jitgħallmu jaċċettaw lil kulħadd fis-soċjetà, irrispettivament mil-limitazzjonijiet ta' persuni oħra.<br>• Studenti bi bżonnijiet speċjali jistgħu jingħataw għajnuna minn sħabhom fil-klassi. |
| 4 | 1,1,1,1<br>(4) | Fost l-elementi ewlenin li jsawru l-kultura nsibu:<br>• il-lingwa<br>• il-valuri soċjali<br>• id-drawwiet u l-modi ta' għajxien, l-istorja, it-tradizzjonijiet, l-ikel u l-ilbies, il-mużika u l-arti<br>• it-teknoloġija<br>• ir-reliġjon<br>*L-istudenti għandhom jagħtu erba' eżempji.* |

| | | |
|---|---|---|
| 5 | 2,2,2 (6) | *L-istudenti għandhom isemmu tliet eżempji ta' diversità kulturali fis-soċjetà Maltija minn:*<br>• prodotti tal-ikel li jirriflettu kulturi oħra, eżempju ikel Ċiniż, Tork u *fast foods*.<br>• Ilbies: naraw fostna nies barranin fejn l-ilbies jirrifletti l-kultura tagħhom, eżempju l-ilbies ta' nisa Musulmani.<br>• Reliġjon: il-Moskea li hemm Raħal Ġdid, il-Katidral Anglikan fil-Belt Valletta u postijiet oħra huma xhieda ta' reliġjonijiet oħra fostna.<br>• Bini u monumenti li ħallew impatt fuq l-arkitettura li l-Ingliżi ħallew f'Malta.<br>• Diverstà lingwistika: ħafna Maltin jafu jitkellmu b'diversi lingwi minħabba t-turiżmu u stazzjonijiet tat-televiżjoni barranin. |
| 6 | 4 | Il-kultura hi proċess ħaj, dinamiku, dejjem jinbidel u jiżviluppa. Il-kultura tradizzjonali tinkludi dawk it-tradizzjonijiet li writniehom mingħand missirijietna bħal: Karnival, ilbies tradizzjonali u festi bħall-Imnarja. Min-naħa l-oħra aħna li qed ngħixu llum, qegħdin inħallu l-influwenza tagħna.<br>Illum qegħdin ngħixu f'soċjetà aktar miftuħa fejn il-bniedem qed ikollu jaffaċċja diversi bidliet, l-aktar bħala riżultat tal-globalizzazzjoni. |
| 7 | 1, 1, 1 (3) | Tliet eżempji kif il-kultura tradizzjonali qed tinbidel jinkludu:<br>• Tibdil fil-mod kif in-nies jilbsu.<br>• Mużika bħall-għana tradizzjonali, hija assoċjata mal-passat.<br>• F'dawn l-aħħar snin rajna żieda ta' kunċerti mużikali li jappellaw l-aktar għaż-żgħażagħ bħall-kunċert tal-Isle of MTV. |
| **TOTAL** | **25** | |

**Taqsima C**

| Mistoqsija | Marki | Tweġibiet |
|---|---|---|
| | | *Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti għandha tkun aċċettata.* |
| 1 | 1,1,1 (3) | *L-istudenti għandhom isemmu tliet forom ta' familja minn:*<br>• Familja b'ġenitur wieħed - dan jista' jkun minħabba diversi raġunijiet bħal mewt, separazzjoni jew tqala qabel jew barra ż-żwieġ;<br>• Koppja miżżewġa jew f'koabitazzjoni bla tfal - jew għax għażlu huma jew għax ma setax ikollhom tfal.<br>• Koppja miżżewġa jew f'koabitazzjoni bit-tfal - jistgħu jkunu kemm addottati kif ukoll naturali.<br>• Żwieġ bejn persuni tal-istess sess, razza, klassi soċjali, u twemmin reliġjuż u politiku. |
| 2 | 1,1,1 (3) | L-istudenti huma mistennija li jsemmu rwol: iben jew bint.<br>Responsabbiltà: li juru rispett lejn il-membri l-oħra tal-familja.<br>Dritt: li jkollhom fejn joqogħdu f'post diċenti u li jiġu provduti l-ikel. |
| 3 | 1,1,1,1,1 (5) | *L-istudenti għandhom isemmu ħames funzjonijiet minn:*<br>• Iservu ta' aġenzija ta' soċjalizzazzjoni primarja.<br>• Funzjoni ekonomika (jipprovdu flus u affarijiet oħra biex tkun tista' tgħix). |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Iservu ta' kenn għall-membri tagħha.<br>• Funzjoni riproduttiva (ikollhom l-ulied).<br>• Kenn u appoġġ emozzjonali għall-membri tal-familja.<br>• Mezz ta' kontroll soċjali fuq l-ulied. |
| 4 | (5) | Is-sena 1993 kienet sena ferm importanti għall-familja Maltija. Il-Parlament Malti għadda liġi fejn il-familja issa kienet imwaqqfa fuq il-prinċipji tal-ugwaljanza u tal-kunsens (qbil) bejn il-ġenituri. Ftit mill-prinċipji huma dawn:<br>• Fiż-żwieġ, il-mara u r-raġel huma ndaqs u jaqsmu flimkien il-pożizzjiet taż-żwieġ bħala miżżewġin u bħala ġenituri.<br>• Iż-żewġ ġenituri flimkien huma responsabbli għall-ħarsien u għall-kura tal-ulied.<br>• Id-deċiżjonijiet fil-familja jittieħdu mill-koppja flimkien.<br>• Id-dar fejn tgħix il-familja hija mħarsa bil-liġi fl-interess ta' min jgħix fiha. |
| 5 | 3,3 (6) | F'Mejju 2011 sar referendum dwar id-divorzju fejn għadda b'maġġoranza ta' ftit aktar minn 54 fil-mija ta' dawk li vvutaw jgħidu iva u 46 fil-mija jgħidu le. Il-liġi tad-divorzju daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2011. Dan jixhed is-sitwazzjoni tas-separazzjonijiet fiż-żwieġ li sfortunatament qed jiżdiedu minn żmien għal żmien minħabba diversi fatturi.<br><br>Sitt snin wara l-introduzzjoni tad-divorzju, Malta qed tikklassifika fost l-aqwa fejn jidħlu d-drittijiet ta' persuni omosesswali. Kienet l-ewwel pajjiż li pprojbixxiet it-terapija tal-konverżjoni tal-omosesswali u waslet biex tillegalizza ż-żwieġ bejn koppji tal-istess sess.<br><br>L-ewwel ta' Settembru 2017, kien l-ewwel jum li fih koppji tal-istess sess setgħu jiżżewġu b'mod ċivili f'Malta. Dan kien possibbli permezz tal-liġi tal-Ugwaljanza fiż-Żwieġ li għaddiet mill-Parlament fit-12 ta' Lulju 2017 u kienet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-Tnejn, 28 ta' Awwissu 2017, wara li l-President ta' Malta tat il-kunsens tagħha għall-abbozz.<br>Fost il-bidliet li saru nsibu li t-termini bħal "raġel", "mara", "omm" u "missier", ġew mibdula għat-terminu *gender-neutral*. L-emendi fil-liġi jagħtu wkoll lill-koppji omosesswali drittijiet indaqs biex jaddottaw it-tfal. |
| 6 | (3) | L-irwol tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Familja huwa wieħed konsultattiv, fejn tħares l-interess tal-familji Maltin u Għawdxin billi tirrakkomanda policies lill-Gvern dwar il-familji. Matul is-sentejn li ilha mwaqqfa, il-Kummissjoni ħadmet biex tistabbilixxi ruħha u tagħmel dik ir-riċerka meħtieġa sabiex tkun tista' twettaq l-għanijiet li għalihom twaqqfet.<br>Il-Kummissjoni tapprezza l-bżonn ta' riċerka li tipprovdi bażi soda ta' gwida favur politika għall-familja. Għaldaqstant, għaddej xogħol fuq riċerka dwar familji Maltin f'sitwazzjoni ta' faqar. Dan l-istudju qed isir bil-kollaborazzjoni mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika u għandu jservi biex minnu jinħarġu proposti għall-politika li tgħin lill-familji li jgħixu fil-faqar itejbu l-kwalità ta' ħajja tagħhom. |
| **TOTAL** | **25** | |

**Taqsima D**

| Numru | Marki | Tweġibiet<br>*Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti għandha tiġi aċċettata.* |
|---|---|---|
| 1 | 1,1,1,1,1<br>(5) | Il-kunsilli lokali huma responsabbli:<br>• għall-ħarsien u tisbiħ tal-lokalità;<br>• allokazzjoni tal-gwardjani lokali;<br>• ġbir ta' skart;<br>• jesegwixxu doveri amministrattivi għall-gvern ċentrali bħal ġbir ta' fondi u kirjiet tal-gvern;<br>• jirrispondi għall-ilmenti tal-pubbliku. |
| 2 | 1,1,1,1,1<br>5 | *L-istudenti jistgħu jsemmu ħames sorsi minn:*<br>• Egoiżmu<br>• Għira<br>• Nuqqas ta' tolleranza għal opinjonijiet differenti<br>• Interessi personali<br>• Bullying permezz ta' tgħajjir, tqasqis fuq oħrajn<br>• Bla kompromess – jiġifieri ħadd ma jkun irid iċedi biċċa jew jammetti l-iżball jew parti mill-iżball. Dan iwassal għal suppervja u nuqqas ta' ftehim. |
| 3 | 1,1,1,1,1,1<br>(6) | • faqar<br>• negliġenza tal-ġenituri<br>• *self-esteem* baxx<br>• alkoħol<br>• abbuż mid-droga<br>• qgħad |
| 4 | 1,1,1,1<br>(4) | **Identità lokali** – tirreferi għall-mod kif jien nagħmel parti mil-lokalità fejn ngħix.<br>**Identità nazzjonali** – kull individwu jitwieled f'pajjiż li minnu jikseb in-nazzjonalità tiegħu.<br>**Identità Ewropea** – minħabba li fl-2004 Malta daħlet fl-Unjoni Ewropea, aħna ma bqajniex biss ċittadini Maltin, imma sirna wkoll ċittadini Ewropej.<br>**Identità globali** – grazzi għal diversi mezzi ta' komunikazzjoni, id-dinja saret qisha villaġġ globali. Dan il-kunċett insejħulu globalizzazzjoni u għalhekk aħna wkoll għandna identità globali. |
| **TOTAL** | **20** | |

**Taqsima E**

**Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata. L-20 marka jitqassmu bejn wieħed u ieħor kif ġej:**

17-20 – Tajjeb ħafna
13-16 – Tajjeb
10-12 – Mhux ħażin
0 - 9 – Mhux tajjeb

| **Mistoqsija** | **Marka** | **Tweġibiet** |
|---|---|---|
| | | *L-istudenti huma mistennija li joħorġu b'ideat bħal:* |
| 1 | 20 | It-tagħlim tar-regoli jibda sa minn meta aħna nkunu żgħar. Fil-fatt, huwa fil-familja li aħna nitgħallmu l-aktar regoli importanti li wara ser jiffurmawna bħala ċittadini u membri tas-soċjetà. Meta aħna nosservaw l-imġiba tal-ġenituri tagħna u ta' ħutna, mingħajr ma nkunu nafu aħna nibdew nimitawhom. Għalhekk, meta l-membri tal-familja jibdew jagħtuna eżempji ħżiena, aħna nitgħallmu nimitaw affarijiet ħżiena; meta l-membri tal-familja tagħna jagħtuna eżempju tajjeb, aħna nimitaw it-tajjeb. Dan il-proċess li fih aħna nitgħallmu r-regoli l-aktar importanti tas-soċjetà jissejjaħ **proċess ta' soċjalizzazzjoni**. Il-parti ta' dan il-proċess li jseħħ fil-familja tissejjaħ **soċjalizzazzjoni primarja**. Il-familja fil-fatt hi l-aktar aġent importanti li minnha aħna nitgħallmu regoli importanti tas-soċjetà.<br><br>Madanakollu matul ħajjitna aħna niltaqgħu ma' bosta aġenti ta' soċjalizzazzjoni oħra. Meta noħorġu mill-familja u mmorru l-iskola, hemmhekk niltaqgħu m'aġenti ġodda. L-għalliema huma aġenti importanti oħra tas-soċjalizzazzjoni. Mingħandhom aħna nitgħallmu nġibu ruħna sew fi grupp. Huma l-għalliema li jkomplu jżidu mat-tagħlim li nieħdu mid-dar. Sħabna tal-klassi, il-ħbieb oħra li nafu jew il-ħbieb li niltaqgħu magħhom f'postijiet differenti, iservu bħala aġenti oħra ta' dan il-proċess.<br>Il-mass midja, ir-reliġjon u għaqdiet bħal dawk sportivi, scouts, drama jew mużika huma aġenti importanti oħra tas-soċjalizzazzjoni li jistgħu jaffettwaw ħajjitna mhux ftit. Mingħand dawn in-nies kollha aħna nitgħallmu kif għandna nġibu ruħna fis-soċjetà. |
| 2 | 20 | Ftit wara t-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija, fl-1948, il-Ġnus Magħquda ħarġet stqarrija ta' dikjarazzjoni dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Għalkemm isiru ħafna u diversi sforzi mill-Ġnus Magħquda biex jiġu eliminati l-gwerer, sfortunatament xorta nisimgħu bi gwerer qerrieda li jsiru minn żmien għal żmien f'pajjiżi u bejn pajjiżi differenti tad-dinja.<br>Għalkemm dawn l-isforzi kollha, illum insibu min qed isofri minn inġustizzji f'pajjiżi żviluppati u anke dawk li għadhom qed jiżviluppaw. Fost dawn in-nuqqas tad-drittijiet tal-bniedem insibu: dak kollu li hu kontra l-istess ħajja, bħal kull xorta ta' qtil ta' bniedem, il-ġenoċidju, l-abort, l-ewtanasja, l-istess suwiċidju volontarju; dak kollu li jikser l-integrità tal-persuna umana, bħalma huma l-mutilazzjonijiet, it-torturi tal-ġisem u tal-moħħ, l-isforzi li jsiru biex |

| | | |
|---|---|---|
| | | bil-vjolenza, ir-rieda tal-bniedem tiġi mġiegħla tagħmel dak li jrid ħaddieħor; dak kollu li joffendi d-dinjità tal-bniedem bħalma huma l-kundizzjonijiet ta' ħajja li ma jixirqux lill-ħajja tal-bniedem, il-ħabs bla raġuni, id-deportazzjonijiet, il-jasar, il-prostituzzjoni, il-bejgħ ta' nisa u ta' tfal; jew kundizzjonijiet ta' xogħol mill-agħar, kundizzjonijiet li fihom il-ħaddiema jiġu meqjusa biss bħala strumenti għall-qligħ tal-flus u mhux bħala persuni ħielsa u responsabbli. Dan kollu, u affarijiet oħra bħalhom, huma kollha affarijiet tal-mistħija u waqt li jħassru ċ-ċiviltà tal-bniedem, iħammġu lil dawk li jġibu ruħhom b'dan il-mod u wisq aktar dawk li jġarrbuhom.<br><br>Sfortunatament, din il-qagħda hekk ta' inkwiet, flok ma qed tonqos, dejjem aktar qed tiżdied; mal-prospetti ġodda li ġab miegħu l-progress xjentifiku u tekonoloġiku, tfaċċaw suriet ġodda ta' theddid għad-drittijiet tal-bniedem, permezz ta' kultura ġdida fejn l-opinjoni pubblika qed tiġġustifika delitti kontra l-ħajja f'isem id-dritt tal-libertà tal-individwu, u għalhekk jippretendu mhux biss li jkunu ħielsa minn kull ħtija, imma wkoll li jkollhom il-permess tal-Istat, biex jagħmlu dawn id-delitti bla xkiel ta' xejn, anzi bl-għajnuna b'xejn tal-istrutturi sanitarji tal-Istat.<br><br>Ir-riżultat ta' dan kollu hu tassew traġiku għaliex il-bniedem qed ibati dejjem aktar biex jagħraf jagħżel bejn it-tajjeb u l-ħażin f'dak li jolqot l-istess valur fundamentali tal-ħajja tal-bniedem. |
| 3 | 20 | • L-**edukazzjoni formali**: din hija l-edukazzjoni marbuta mal-kurrikulu, numru ta' suġġetti, l-orarju, ix-xogħol tad-dar u l-assessjar formali. Għalhekk, wieħed jistenna li t-tagħlim formali li jsir fil-klassi jiġi assessjat permezz ta' xogħol li jsir id-dar, testijiet u eżamijiet kull ċertu perjodu ta' żmien.<br>• L-**edukazzjoni informali**: dan huwa t-tagħlim li nakkwistaw matul ħajjitna ta' kuljum, pereżempju waqt li naraw xi programm fuq it-televiżjoni, meta mmorru xi mixja fil-kampanja jew inżuru xi postijiet ta' interess kulturali jew storiku. L-attivitajiet ta' edukazzjoni informali huma importanti għaliex jgħinu lill-persuna twessa' l-esperjenzi tagħha fil-ħajja. Barra minn hekk, din hija importanti għaliex tgħin biex jitkattru r-relazzjonijiet tagħna ma' ħaddieħor. Dan jista' jkun tagħlim li nirċevuh mingħand il-ġenituri jew qraba tagħna.<br>• L-**edukazzjoni nonformali**: din hija marbuta l-aktar mal-kunċett ta' tagħlim tul il-ħajja (*lifelong learning*). Huwa tagħlim li jista' jseħħ f'ambjent ta' tagħlim formali, iżda ma jkunx rikonoxxut b'mod formali. Ta' spiss dan it-tip ta' tagħlim jinvolvi *workshops*, korsijiet għall-komunità, korsijiet b'interess partikolari, korsijiet qosra, jew *seminars* f'għamla ta' konferenza. Dan it-tagħlim iseħħ f'ambjent formali bħalma huma l-iskejjel, iżda ma jkunx jifforma parti mill-kurrikulu jew sillabi. |
| **TOTAL** | **20** | |

**Total: 100 marka**